sabbiltà u ġabet it-tabib ta' l-isptar biex jara hu x'kellha t-tifla. Meta eżaminaha sab li d-deni kien sparixxa u l-omm setgħet tieħu lit-tifla lejn id-dar imfejqa għal kollox.

## AVVIŻI

1. Tinsewx li l-Laqgħa li jmiss f'Mejju (il-Ħadd, 3 ta' Mejju) se tkun laqgħa ta' penitenza.
2. Grazzi ħafna ta' l-ittri li bgħattuli u t-tagħrif li tajtuni fuq il-grazzji li qlajtu. Il-messsaġġi tagħkom għaddejthom lil Ġuża Mifsud li tiżgurakom li titlob għalikom u għal kulħadd.
3. Infakkarkom li r-Raba' Ktieb "Titular Ġdid..." qiegħed għall-bejgħ, u jista' jinxtara waqt il-laqgħat ta' talb, il-Girgenti, jew mingħand is-Segretarja: 6, A/2, Main Street, Siġġiewi.
4. Korrispondenza li għandha x'taqsam ma' dan il-fuljett għandha tiġi indirizzata lill-Editur:

***Brother Victor Privitera,***
***Stella Maris College,***
***Gżira GŻR 04.***

---

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 10 - APRIL 1992 JITQASSAM BLA ĦLAS

## FEJN SEJRIN?

**Ħarsa lejn l-imgħoddi**

Il-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin ilha sejra sa mill-bidu tal-ħolqien tal-bniedem. Minkejja li Sidna Ġesù Kristu ġie fid-dinja biex jifdina mid-dnub, elfejn sena ilu, il-ġlieda għadha sejra.

Tul il-meda ta' dawn is-sekli, il-ħażin naqas jew kiber? Jekk inqisu kemm-il darba l-Madonna dehret dawn l-aħħar sebgħin sena naraw kemm Ommna Marija Santissima żiedet it-twissijiet tagħha lill-bnedmin biex jikkonvertu qabel ma jkun tard wisq. Hi tħeġġigna biex nitolbu u nagħmlu penitenza biex inpattu għall-ħażin tal-imgħoddi u tal-lum biex niskansaw mill-kastigi ta' li ġej.

**5 TA' MEJJU 1992**

IS-SITT ANNIVERSARJU TA' L-EWWEL PELLEGRINAĠĠ GĦALL-ĠIRGENTI META TTIEHDET L-ISTATWA TAL-MADONNA FEJN TINSAB ILLUM.

**8 TA' ĠUNJU 1992**

IR-RABA' ANNIVERSARJU TA' L-IKBAR FENOMENU TAX-XEMX LI QATT ĠARA FL-ISTORJA TA' MALTA WAQT LAQGĦA TA' TALB IL-GIRGENTI.

**Il-ġejjieni**

Il-futur tad-dinja jiddependi minn kif se nilqgħu t-twissijiet tal-Madonna. Il-ġid u l-paċi jintrebħu billi nżommu mal-Kmandamenti ta' Alla, ngħixu ħajja ta' vera nsara u ngħinu lill-oħrajn fejn u meta nistgħu. Il-Madonna tridna ngħixu bħal aħwa billi nwarrbu l-mibgħeda li tant tweġġa' lill-Qalb ta' Ġesù. Id-dagħa, vizzju ikreh tagħna l-Maltin, huwa s-saħta mhux biss ta' l-individwu imma wkoll tal-familja u tal-pajjiż.

B'dan il-ħsieb ġo moħħna, ejjew nagħmlu l-laqgħa ta' talb li jmiss fit-3 ta' Mejju, fil-5.30 p.m., vera laqgħa ta' penitenza kif tixtieq il-Madonna. Alla jilqa' bil-ferħ, minn idejn Ommna Marija, kull ma nagħmlu bħala tpattija.

Din hija t-triq ewlenija biex it-tajjeb jegħleb lill-ħażin. Hekk inkunu nistgħu nserrħu rasna u nħallu l-ġejjieni f'idejn Alla.

## RAW IL-MADONNA TIBKI!

Qaluli li xerridt id-dmugħ, Marija,
ilbieraħ filgħaxija fil-Girgenti:
u jiena bkejt ukoll meta rajt jibku
egħxieren ta' xebbiet u żgħażagħ twajba
quddiem ix-Xbieha tiegħek imbikkija.
Jiena ma rajtekx bid-dmugħ iċarċar f'wiċċek,
jew bl-għaraq fuq ħuġbejk, jew jiċċaqilqu
l-idejn marbuta tiegħek, kif rawk ħafna.
Għax jien ma ħaristx lejk, Marija, lbieraħ:
biex nara w nisma' aħjar il-kotra twieġeb
għall-biki misterjuż li ħareġ minnek.
Madonna, jien illum bl-Ostja f'idejja,
jiena w inqaddes smajt il-Leħen t'Ibnek
jagħtini ħjiel ta' x'kien li rawk bid-dmugħ
ilbieraħ fil-Girgenti.
Nebbaħni l'Inti bkejt għax hemm qed jiġri
il-makabru disprezz tal-quddies iswed.
Min jaf jekk bkejtx ukoll, u aħna miegħek,
għax għadu ma nbeniex il-Maqdes f'ġieħek.

**14/11/91 Mons. Amante Buontempo**

Monsinjur Buontempo kiteb din il-poeżija l-għada ta' Laqgħa ta' Talb li saret fi spirtu ta' penitenza, il-Girgenti, fil-5.30 p.m. tat-13 ta' Novembru 1991. F'din il-laqgħa ħafna nies raw dmugħ nieżel minn għajnejn l-istatwa tal-Madonna, u idejha saru qishom tal-laħam.

*Tnejn minn dawn in-nies kitbu x-xiehda tagħhom:*

**1. L. Cassar, mis-Siġġiewi:**

Nhar l-Erbgħa, fit-13 ta' Novembru 1991, mort il-laqgħa ta' talb il-Girgenti u kont ili hemm mill-5 p.m. jew iktar; f'xis-6 p.m. rajt il-Madonna tqattar dmugħ minn għajnejha u jibqa' nieżel ma' wiċċha. Dan rajtu xi erba' darbiet nieżel.

**2. Marion Cauchi Savona, minn Ħ'Attard (rapport maqlub mill-Ingliż):**

Għażiża Ġuża, qed niktiblek biex niddikjara x'rajt il-Girgenti meta ltqajna biex inpattu għal dak li kellu jsir bil-quddiesa s-sewda dak illejl. Għall-ħabta tas-6.45 p.m. m'emmintx 'l-għajnejja għal dak li kont qed nara. Rajt dmugħ nieżel minn għajnejn il-Madonna imma jien m'għedt xejn għax bżajt li kont qed nitbalja. Imma meta smajt lill-oħrajn igħidu l-istess ħaġa li rajt jien, ħassejtni żgur li ma kontx qed nitbalja. Xi ħadd mesaħ id-dmugħ b'maktur u dan ixxarrab. Il-Madonna kompliet tibki għal żmien twil mhux ħażin.

Fid-19 ta' Novembru jien għarraft lill-Arċisqof b'dak li jien kont rajt imma bqajt mingħajr ebda risposta. Jiena lesta li nieħu ġurament ta' dak li jiena rajt.

3. Jiena dakinhar ma kontx għal-laqgħa. Imma ltqajt ma' ħafna li kienu hemm u rrappor-tawli, mhux bil-miktub, dak li kienu raw, għax jafuni bħala editur ta' dan il-fuljett. – **Brother Victor Privitera**

## GĦALIEX NEMMNU FIL-ĠRAJJIET TAL-GIRGENTI (1)

### Ġuża Mifsud hija persuna kredibbli. Min hi Ġuża?



L-iżgħar fost il-ħamest itfal ta' familja profondament nisra-nija, sa minn ċkunitha daqet it-tbatija li biha l-Mulej kien qed iħejjiha għall-missjoni tagħha. Il-familja kienet tgħix bix-xogħol ta' l-idejn u Ġuża kienet tagħti l-għajnuna tagħha skond l-età tagħha. Meta kellha żmien biżżejjed, bdiet tmur l-iskola; imma ma damitx ħafna. Wied il-Girgenti kien jigbidha wisq; hemm hi kienet tieħu ħsieb il-merħla tal-fa-milja. Hemm hi kienet issib il-ħin mhux biss biex tgħid ir-rużarju iżda wkoll biex taħseb f'Alla, f'dak li hi ssejjaħ "meditazzjoni". Moħħha kien il-ħin kollu f'Alla saħansitra meta kienet ittrejjaq bejn is-Siġġiewi u l-Girgenti. Min ilu jaf lil Ġuża għal aktar minn sittin sena jgħidlek li meta hi kienet tasal il-Girgenti kienet dejjem bil-kuruna tar-rużarju f'idha, migbura u modesta, u kienet tmur għal xogħolha mingħajr lanqas kienet tinduna b'min kien qrib il-wied, għall-kaċċa.



Hekk bdiet tiżviluppa l-ħajja spiritwali ta' Ġuża. Il-ġrajjiet li bdew iseħħu bejnha u l-Madonna baqgħu moħbija f'qalbha; lanqas ommha u missierha ma kienu jafu bihom; ħadd ħlief il-konfessuri tagħha. Dan qed ngħidu biex nuri li Ġuża minn dejjem għarfet kif iżżomm sigriet meta oħrajn, forsi, kienu malajr ixerrduh ma' l-erbat irjieħ. Imma meta kien il-waqt li xxandar il-messaġġ tal-Madonna, b'kuraġġ kbir Ġuża fetħet id-dar tagħha għall-pubbliku u stmerriet dak kollu li qalu kontra tagħha u li rat ma' wiċċha.

Fil-5 ta' Mejju 1986 wasal il-jum meta x-xewqa tal-Madonna seħħet. L-istatwa tal-Ma-donna tal-Girgenti ġiet imtella' fil-għalqa fejn sar l-ewwel pellegrinaġġ u fejn il-laqgħat ta' kull xahar ma qatgħu xejn minn dakinhar 'il hawn.

Għalkemm Ġuża qatt ma ħadet lezzjonijiet ta' kif tagħmel "speeches", u għalkemm mingħajr skola, b'kuraġġ li għaġġeb lil kulħadd, bdiet ixxandar il-messaġġi tal-Madonna jiġifieri xi trid minna l-Madonna biex niksbu l-paċi u neħilsu mill-kastigi li dnubietna jiġbdu fuqna u fuq pajjiżna.

Immexxija dejjem mill-konfessuri tagħha, Dun Ġorġ Mercieca, Dun Ġorġ Preca u Monsin-jur Salv. Grima, Ġuża għexet ħajja attiva ta' appostolat qalb sħabha x-xebbiet, il-morda u l-familji li hi għenet biex ikunu ikkonsagrati lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija.

Illum Ġuża xjaħet; għadha kemm għalqet 69 sena. It-tbatija qed tgħakkisha wisq; hi tgħid li waslet fl-aħħar ta' ħajjitha. Għalhekk hi ħerqana li tgħaddilna x-xewqat u l-messaġġi kollha tal-Madonna. Hi tiftakar sew kull ma għaddiet minnu u qegħda tħallilna, bil-miktub jew irrekordjat, il-ġrajjiet u l-kuntatti li kellha u li għad għandha mal-Madonna.

Il-membri kollha tal-Kumitat u dawk kollha li jafu 'l Ġuża intimament jafu kemm hi mara

mhux biss ta' qalb tajba u ta' għajnuna għal kulħadd imma wkoll ta' għerf spiritwali profond fl-affarijiet tal-Mulej; mara li jisthoqqilha kull kredibilità.

## IL-GRAZZJI MAQLUGĦA

Nirċievu ħafna rapporti ta' grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, tal-Girgenti. Xi uħud minn dawn il-grazzji jikkonsistu f'għajnuna speċjali tal-Madonna f'sitwazzjonijiet diffiċli bħal: operazzjonijiet, twelid ta' trabi, mard u bżonnijiet urġenti li jinqalgħu għal għarrieda. Grazzji oħra huma aktar importanti għax għandhom aspett mirakoluż għax lanqas it-tobba ma jkunu jistgħu jifhmu kif sar il-fejqan.

Lil min forsi jgħid li dawn il-grazzji mhumiex ħlief kumbinazzjonijiet aħna ngħidulu li aħna nemmnu bis-sħiħ fil-Providenza ta' Alla u l-Imħabba tal-Madonna li huma "realtà" fil-ħajja tagħna u mhux xi effett naturali taċ-ċirkustanzi li jbarru l-indħil tal-qawwiet spiritwali.

Xi ngħidu għall-konverżjonijiet?... Dawn huma mirakli aqwa minn kull fejqan tal-ġisem. Imma għal dawn ma jistax ikun hemm ċertifikati tat-tobba!

**Dawn li ġejjin huma rapporti li rċevejna:**

**1.** Adelina Simiana, minn Bormla, qaltilna li f'Lulju 1991, meta d-dar tagħha kien hemm bintha u t-tifel tagħha ta' sentejn u disgħa xhur, ġara li dan iċ–ċkejken mar fil-gallerija tal-ħadid u daħħal rasu bejn il-ħadid u ma setax joħroġha.



Wieħed jista' jifhem kif dawn l-ommijiet kienu se jiġġennu! Adelina ftakret fl-ilma tal-Girgenti li dejjem iżżomm minnu d-dar tagħha. Malajr marret iġġibu u tefgħet minnu fuq ras it-tifel. Din, mingħajr diffikultà, ħarġet mill-ħadid bla grieħi jew uġigħ ieħor. Adelina tgħid li hi temmen ħafna fl-ilma tal-Girgenti mbierek mill-Madonna u tużah spiss f'kull uġigħ li jkollha.

**2.** Tereża Degabriele minn Marsaxlokk tirrakkonta kif, waqt li kienu grupp ta' nisa flimkien, waħda mara qalet li kienet belgħet għadma ta' fenek li weħlitilha u ma setgħet taqlagħha b'xejn, tant, li marret biex tagħmel operazzjoni. Talbet ħafna lill-Madonna tgħinha biex l-għadma tinqala' mingħajr operazzjoni u wegħdet li tħeġġeġ in-nies imorru l-Girgenti biex jitolbu 'l-Madonna.

Qabel l-operazzjoni din il-mara talbet linnurse iġġibilha tazza ilma; xorbitu, u l-għadma niżlitilha u l-operazzjoni ma saritx.

**3.** Ċetta Cauchi mis-Siġġiewi, irrappurtat kif fieqet it-tifla tagħha minn deni li nfexxilha f'moħħha.

Ċetta ċemplet lit-tabib u għarrfitu li t-tifla tagħha (ta' xi 12-il sena) kienet bid-deni u mitlufa għal kollox minn sensiha. It-tabib mar jaraha u qal li d-deni (102°F) kien infexxilha f'moħħha; u għamlilha karta biex tkun tista' tmur l-isptar.

Inkwetata għall-aħħar, qabel ma marret l-isptar, Ċetta għarrfet lil Ġuża Mifsud b'dak li ġara, u din wegħditha li se titlob għaliha. L-omm refgħet it-tifla li kienet qisha mejta, u ħaditha l-isptar. Hemm, it-tabiba ma riditx terfa' r-respon-